**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 430/17 CZ**

**Carmelo sive Charles Gauci**

**vs.**

**Clint Ghigo**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Settembru 2017 u li permezz taghha talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elfejn, mija u disghin Euro (€2,190) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lill-istess attur u dana hekk kif dettaljat fil-prospett li ntehmez mat-talba, u li jifforma parti shiha minnha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta, izda deher ghas-seduti ta' l-4 t'Ottubru u t-18 t'Ottubru 2017.

Sema' x-xiehda ta' l-attur li kkonferma li l-ammont dovut huwa dak ta' elf, tmin mija u disghin Euro (€1,890), wara li l-konvenut hallas tliet mitt (€300), f'zewg (2) pagamenti separati tul il-kors tal-kawza.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, l-attur qed jitlob il-hlas ta' elfejn, mija u disghin Euro (€2,190) li huma dovuti in kwantu ghal elf u hames mitt Euro (€1,500) ghal flus indebitament imhallsa mill-attur lill-konvenut Clint Ghigo dwar bejgh ta' vettura tal-marka Scenic bin-numru tar-registrazzjoni GBI 392, liema vettura ma setghetx tigi mibjugha, trasferita u registrata fuq l-attur. L-attur talab ukoll hames mija u disghin Euro (€590) kwantu ghal sepjjez maghmula minnu fuq l-istess vettura, li ma gewx rimborzati

lilu, u kwantu ghal mitejn Euro (€200) ghal danni sofferti mill-attur rigwardanti bejgh ta' fniek.

2. Illi permezz ta' nota prezentata fl-4 t'Ottubru 2017, l-attur naqqas l-ammont pretiz ghal dak ta' elfejn u erbghin Euro (€2,040), filwaqt li meta xehed qal illi fis-17 t'Ottubru 2017, il-konvenut kien hallsu mija w hamsin Euro (€150), biex jigi b'hekk illi l-ammont bilancjali huwa ta' elf, tmin mija u disghin Euro (€1,890).

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u ghalkemm deher f'zewg (2) seduti, ma ressaqx risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

2. Jirrizulta li t-talba ta' l-attur hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur ma ghandux mis-sewwa.

3. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut mill-konvenut, dan biss pero' fl-ammont bilancjali ta' elf, tmin mija u disghin Euro (€1,890).

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' parzjalment it-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tmin mija u disghin Euro (€1,890) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur